

# Il-Kappella ta' San Ġużepp il-Qadim – fiċ-Ċittadella ta' Għawdex

*Is-Sur Roderick Cristina*

Waħda mill-eqdem kappelli li nsibu fil-gżira ta' Għawdex hi dik li hemm fiċ-Ċittadella dedikata lil San Ġużepp. Din kienet ukoll l-ewwel kappella dedikata lill-akbar qaddis tal-Knisja Universali il-patrijarka San Ġużepp.

Din il-kappella ġiet mibnija qabel l-Assedju l-Kbir tal-1565, imma dak iż-żmien kienet ġiet dedikata lil San Nikola. L-Isqof Baldassare Cagliares kellu ommu Għawdxija għalhekk kien iżur lil din il-gżira ta' spiss. Kien hu li ħa ħsieb ibiddel l-għamla ta' din il-kappella fuq il-pjanta tal-arkitett Vittorio Cassar, li kien jiġi iben il-magħruf Ġilormu Cassar. Dan ix-xogħol jidher li tlesta fl-1625 minkejja l-fatt li Vittorio Cassar kien miet fl-1607. Hawnhekk inbidlet id-dedika ta' din il-kappella għal dik ta' San Ġużepp kif għadha sal-lum. L-Isqof Cagliares għammar lil din il-knisja b'kollox fosthom il-kwadru fuq l-altar ewlieni. Dan il-kwadru juri l-Ħarba tal-Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu, u hu attribwit lill-artist magħruf Filippo Paladini (1544-1616). Fl-1980 dan il-kwadru tneħħa mill-knisja u jinsab fil-Mużew tal-Katidral t'Għawdex stess. Minfloku tqiegħdet kopja tal-oriġinal magħmula minn Ċensu Cordina.



*Il-Faċċata tal-Kappella*

Jirriżulta li f'terrimot li kien seħħ f'Jannar tal-1693 din il-kappella ġarrbet ħsarat kbar tant li ġġarraf is-saqaf tagħha. Jidher li ħsara ma



tantx damet biex irranġat, iżda xorta maż-żmien il-kappella ntelqet u sfat abbandunata tant li la beda jsir quddies fiha u lanqas baqgħet tiġi ċċelebrata l-festa f'nhar San Ġużepp.

Kien bejn wieħed u ieħor mitejn sena wara li l-kappella kienet ġiet abbandunata li xi ħadd reġa' ftakar fiha u ħa ħsieb jirrestawraha. Kien Sir Harry Luke il-Gvernatur 'Logutenent' ta' Malta li fis-sena 1930 kien iddedika ruħu biex jirrestawra u jikkonserva bini b'valur storiku fil-pajjiż li reġa' ta l-ħajja u dekor lil din il-kappella. Ix-xogħol fuq il-kappella ta' San Ġużepp beda fl-1937 flimkien mal-Palazz tal-Isqof Cagliares iżda sfortunatament Sir Harry Luke f'dik is-sena stess spiċċa mill-kariga. Għalkemm ix-xogħol ta' restawr fuq il-Palazz ta' Cagliares ma kienx għadu lest jidher li x-xogħol fil-kappella ta' San Ġużepp kien laħaq tlesta.

Iżda xorta jidher li x-xogħol ma tantx ġie apprezzat mill-Għawdxin, għax ftit ta' żmien wara l-kappella ta' San Ġużepp reġgħet intelqet għal kollox u reġgħet waqgħet fi stat t'abbandun. Vandali daħlu kissru u serqu kemm felħu biex imbagħad bdiet tintuża bħala post fejn jintefa' l-imbarazz tal-Katidral.

Wara dan iż-żmien, kien eżattament l-għada tal-festa ta' Santa Marija tas-sena 1973 meta grupp ta' rġiel iddeċidew li għandhom jagħmlu xi ħaġa biex din il-Kappella tingħata lura d-dinjità li tixirqilha. L-iskultur Toni Camilleri ħa ħsieb li jsir ix-xogħol ta' altar ġdid b'disinn viċin ta' dak li kien hemm qabel, filwaqt li mill-Knisja tal-Patrijiet Kapuċċini nġiebu partijiet minn altar antik biex jintużaw għall-altar il-ġdid. Meta n-nies rat li din il-Knisja qiegħda tiġi rrestawrata, għamlet il-kuraġġ u bdiet tgħin mill-aħjar li setgħet. Ġew offruti żewġ ħwat għall-ilma mbierek u sett gandlieri li qabel kienu fil-Knisja ta' Savina fir-Rabat Għawdex filwaqt li benefatturi oħra offrew sett kwadri tal-Via Sagra u lampieri.

Nhar id-19 ta' Marzu 1975, il-Kappella ta' San Ġużepp ġiet miftuħa mill-ġdid għall-pubbliku minn Dun Ġużepp Saliba. Il-Qdusija tiegħu l-Papa ta' dak iż-żmien kien bagħat barka Speċjali lill-abbatini għax-



*L-Arzella li nsibu fuq l-altar turi lil San Ġużepp u Madonna fil-Glorja*





*Il-Kappella minn ġewwa*

xogħol siewi li kienu wettqu. Il-Knisja ġiet sollennement imbierka mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u ddikjarata miftuħa għall-pubbliku nhar l-14 ta' Awwissu tal-1976. Minn dakinhar 'il quddiem din il-Knisja baqgħet tiġi ddekorata u għall-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp, li tiġi ċċelebrata nhar id-19 ta' Marzu, jingħad li jiġu mżanżna diversi opri ġodda.

Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp, il-Knisja tkun miftuħa għall-pubbliku minn jiem qabel. F'nhar il-festa wara nofsinhar ikun hemm Quddies bil-Kant tal-Omelija, jitkanta l-Innu ta' San Ġużepp u ssir ċelebrazzjoni ewkaristika.

*Artiklu mibni fuq informazzjoni mis-sit www.kappellimaltin.com*

